Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,438, 10 ta' Lulju, 2020

Taqsima B

A.L. 286 tal-2020

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2020 dwar Drittijiet għall-Passaport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2020 dwar Drittijiet għall-Passaport u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 35.24.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar Drittijiet għall-Passaport.".

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

"Drittijiet.

2. Id-drittijiet speċifikati fl-Iskeda għandhom jitħallsu lill-Uffiċjal tal-Passaporti għas-servizzi hemm hekk imsemmija.".